**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **22 TA' JANNAR 2017**

**Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara 2017**

Bejn it-18 u l-25 ta' Jannar 2017 hija Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 23 ta' Jannar 2017 wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Kors ta' Kana**

Il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017 fis-7.30pm issir it-tielet laqgħa tal-Kors ta' Kana fis-Sala Sant'Anna.

**Mill-Kunsill Lokali**

Il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017 ser issir laqgħa pubblika annwali fis-6:00pm ġewwa l-*Wasteserv*. Dawk ir-residenti li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali huma mistiedna jattendu.

**Applikazzjonijiet għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja**

Fil-ġranet li ġejjin se jintlaqgħu applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja. Informazzjoni dettaljata tinkiseb minn fuq in-*noticeboard* jew mill-*website* tal-Kurja - **www.thechurchinmalta.org**

**Għoti ta' Demm**

Il-Ħadd 29 ta' Jannar 2017 bejn it-8:30am u s-1:00pm se jsir l-għoti tad-demm fejn is-Sala Sant'Anna. Inħeġġiġkom sabiex immorru nagħtu d-demm u aħna mitlubin nieħu magħna l-ID Card.

**Lectio Divina**

Matul din is-sena li fiha qed niċċelebraw is-70 Sena mill-miġja tal-istatwa ta' Sant'Anna fostna u anke frott tal-Assemblea Parrokkjali li kellna f'Novembru li għaddha bħala Parroċċa kull l-aħħar Tlieta tax-xahar kulħadd huwa mistieden għal-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna. Il-Lectio Divina hija mod kif nitolbu u nirriflettu bil-Bibbja. Nistedinkom biex tingħaqdu magħna nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2017 fis-6.30pm u nispiċċaw fis-7.30pm.

**Beata Marija Adeodata Pisani OSB**

Bejn l-4 u l-5 ta' Frar 2017 ser ikollna fostna r-relikwa tal-Beata Marija Adeodata Pisani OSB. Is-Sibt 4 ta' Frar 2017 fid-9.00am ta' filgħodu ser inżuru l-Monasteru ta' San Pietru l-Imdina fejn nagħmlu mument ta' talb fil-kamra tagħha. Fl-4.00pm ir-relikwa tasal fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna fejn qed inħeġġu li jattendu l-ġenituri sabiex flimkien nitolbu t-talba tar-Rużarju mmexxija mill-*Mothers' Prayer*s għall-bżonnijiet ta' wliedhom. Fil-5.00pm ir-Relikwa tasal il-Knisja Parrokkjali fejn tkun fostna matul il-weekend.

**Pasta Night**

Is-Sibt 18 ta' Frar 2017 bħala Parroċċa ser norganizzaw *pasta night* fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex nattendu u biljetti nistgħu nixtruhom mis-sagristija. Grazzi.

**FIL-ĠRANET LI ĠEJJIN SE JINTLAQGĦU APPLIKAZZJONIJIET GĦAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA TA' "APPLIKANTI OĦRA" MINN SKEJJEL TAL-GVERN U INDIPENDENTI.**

**INFORMAZZJONI DETTALJATA TINKISEB MIR-"REGOLAMENTI GĦAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA" LI JINSABU FUQ IL-WEBSITE TAL-KURJA**

**www.thechurchinmalta.org**